**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, sebgħa (7) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 256/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

Vs

**Ivan Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Ivan Camilleri**, iben Anthony u Anna nee Cardone, imwieled Attard, Malta fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 1971 u residenti ġewwa numru tmienja (8), Triq il-Wied Ta' Rmiedi, Attard, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 360371(M) talli nhar l-erbgħa (4) ta' Awissu 2021 għall-ħabta tat-tlieta u tmienja u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar (15:38hrs) ġewwa Marsalforn bħala sid id-dgħajsa bin-numru tar-reġistrazzjoni S 16550 rabat, irmiġġa, inġarr bil-

kurrent, waqaf jew stenna f'zona projbita bi ksur tar-Regolament 45 tat-Tielet Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont ir-Regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil Ivan Camilleri milli jkollu liċenzja għal żmien ta' tnax -il xahar mid-data ta' meta jkun instab ħati.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet l-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa (4) ta' Awissu 2021 għall-ħabta tat-tlieta u tmienja u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar (15:28hrs), l-akkużat kien qiegħed isuq id-dgħajsa bin-numru tar-reġistrazzjoni S 16550. Huwa xehed li t-tifel tiegħu li kien fuq l-istess dgħajsa ħassu ma jiflaħx u għalhekk l-akkużat kien kostrett jidħol fil-Port ta' Marsalforn biex it-tifel tiegħu jkun jista' jinżel l-art. L-akkużat rabat id-dgħajsa tiegħu ma' anella qrib slip way sabiex it-tifel tiegħu jkun jista' jinżel l-art. Fil-ħin li d-dgħajsa kienet marbuta, uffiċjali ta' Transport Malta daħlu fil-port ta' Marsalforn u ħarġu ċitazzjoni lid-dgħajsa stante

li fil-fehma tagħhom din kienet qed tostakola l-islip way. Iċ-ċitazzjoni maħruġa minnhom kienet tgħid li sid id-dgħajsa kien rabat f'zona ipprojbita.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

In linea preliminari, id-difiża eċċepiet li l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat hija preskritta. Għalkemm id-difiża talbet biex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet dwar dan il-punt u ingħatat żmien biex tippreżenta l-istess, tali nota baqgħet qatt ma ġiet preżentata. Madanakollu l-Qorti xorta sejra tgħaddi biex teżamina jekk l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat tistax titqies li hija preskritta jew le.

Sabiex jiġi determinat jekk it-terminu preskrittiv relattiv għall-akkuża odjerna għaddhiex jew le, trid issir riferenza għall-piena li għalih huwa suġġett ir-reat li qiegħed jiġi addebitat fil-konfront tal-akkużat. Minn eżami tar-Regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar kif wkoll tat-Tielet Skeda tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja huwa ċar li l-piena marbuta ma' tali akkuża hija waħda ta' multa. Jekk wieħed imbagħad jagħmel riferenza għall-artikolu 688 tal-Kap. 9, isib li fil-każ odjern huwa applikabbli l-paragrafu (e) ta' dan l-artikolu stante li l-piena kontemplata għar-reat in diżamina hija dik tal-multa. Il-paragrafu (e) tal-artikolu 688 tal-Kap. 9 jistabilixxi li fil-każ ta' delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, **<u>jew tal-multa</u>** jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ta' sentejn. Mela allura t-terminu preskrittiv applikabbli għall-azzjoni odjerna huwa dak ta' sentejn.

Fil-każ de quo, l-allegat reat seħħ fl-erbgħa (4) ta' Awissu 2021 u l-akkużat ġie notifikat bl-akkużi fil-ħdax (11) ta' Jannar 2023. Dan skont ir-riferta esebita fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2024 markata

bħala Dokument X.  Dan ifisser li l-akkużat ġie notifikat bl-akkużi qabel ma skada t-terminu ta' sentejn u għalhekk l-azzjoni kriminali ma tistax titqies li hija preskritta.  Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

- **L-Akkuża**

Fir-rigward tal-mertu jingħad li l-akkużat qed jiġi akkużat li rabat, irmiġġa, inġarr bil-kurrent, waqaf jew stenna f'zona projbita.  Minn eżami tax-xhieda tal-uffiċjali ta' Transport Malta SMEO 247 Redeemer Galea u Christopher Cutajar jirriżulta li dawn ħarġu ċ-ċitazzjoni fil-konfront tad-dgħajsa li l-akkużat ammetta li kien qed jagħmel użu minnha hu għaliex l-islip way kienet ostakolata bid-dgħajsa.[1]  Infatti SMEO 247 Redeemer Galea jgħid li bid-dgħajsa in kwistjoni l-islip way kienet magħluqa.  Huwa ċar għalhekk li l-allegat nuqqas tal-akkużat kien għaliex qiegħed jimblokka l-islipway.  Mela allura l-akkuża li kellha tiġi addebitata lill-akkużat kellha tkun is-segwenti: *"imblukkar ta' postijiet minn fejn tvara u l-viċinanzi tagħhom"*, liema reat iġġorr miegħu piena ta' mitt ewro (€ 100) u mhux effettivament l-akkuża li huwa rabat f'zona projbita.  Din hija akkuża speċifika li tiffigura fit-Tielet Skeda tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 u l-Qorti ma tifhimx għaliex meta kien hemm akkuża speċifika li setgħet tingħata, l-uffiċjali ta' Transport Malta għażlu li joħorġu ċitazzjoni b'akkuża differenti li ma kellha x'taqsam xejn mal-allegat nuqqas.

Ta' min jissenjala wkoll li fix-xhieda tagħhom l-uffiċjali ta' Transport Malta fl-ebda ħin ma indikaw li z-zona kienet waħda projbita għall-irmiġġ.  Kif ingħad semmew biss il-kwistjoni tal-imblukkar tal-islip way. Il-Qorti tmur oltre u tqis li minnha inniffisha z-zona fejn daħal l-akkużat bid-dgħajsa tiegħu **bl-ebda mod ma tista' titqies li hija zona ipprojbita**

[1] Ara xhieda mogħtija fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar 2024.

**għall-irmiġġ** għax hija port fejn jorbtu d-dgħajjes. Ta’ min jgħid wkoll li mir-ritratti esebiti d-dgħajsa tal-akkużat kienet marbuta ma’ anella fl-art, anella li fil-fehma tal-Qorti żgur saret biex opri tal-baħar jorbtu magħha. Dan aktar u aktar ikompli jikkonferma kemm l-akkuża kellha toħroġ li d-dgħajsa kienet allegatament qed timblokka post minn fejn jiġu varati l-opri tal-baħar u mhux irmiġġ f’żona ipprojbita. Il-fatti tal-każ għalhekk ma jinkwadrawx fl-akkuża kif formulata u għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-akkużat.

Fi kwalunkwe każ wkoll, anke li kieku l-akkuża ħarġet korretta, il-Qorti għandha dubju kemm effettivament id-dgħajsa tal-akkużat kienet qed tagħlaq l-islip way. Dan minn dak li jirriżulta mit-tieni ritratt mis-sett esebit u markat komplessivament bħala Dokument X4 fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Frar 2024.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **qiegħda tiċħad** l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża;

(b) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur